MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-22 ta' Mejju, 2008

Appell Civili Numru. 2618/2000/3

**Piju Zammit**
**v.**
**Pietru Pawl Busuttil**

**Numru: 2**

**Cit. Nru: 2618/00**

**Il-Qorti:**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attur ippremetta u talab hekk:
“Premess illi l-attur huwa l-proprjetarju tal-ghalqa Tal-Karwija, kontrada tal-Gawhar, limiti ta’ Hal Safi;

“Premess illi permezz ta’ kuntratt pubbliku fl-atti tan-nutar Dr. Joseph R. Darmanin (Dok. A) tal-11 ta’ Lulju 1998, il-konvenut akkwista porzjon minn ghalqa tal-kejl ta’ cirka hames mija u sitta u tletin metri kwadri (536m2) li hija ma’ genb l-ghalqa proprjeta` ta’ l-attur;

“Premess illi l-konvenut mar oltre l-konfini stipulati b’mod li dahal u nvada l-proprjeta` ta’ l-attur;
“Premess illi l-konvenut debitament interpellat sabiex jirripristina l-proprjeta` ta’ l-esponent ghall-istat originali taghha, baqa’ inadempjenti;

“Ighid ghalhekk il-konvenut ghaliex din l-Onorabbli Qorti m’ghandhiex prevja kull dikjarazzjoni li hija mehtiega skond il-ligi:

“1. Tiddikjara u tiddeciedi li l-konvenut qabad u minghajr ebda jedd u b’mod abbuziv invada l-ghalqa Tal-Karwija, kontrada tal-Gawhar, limiti ta’ Hal Safi li hija proprjeta` ta’ l-attur;

“2. Tikkundanna lill-konvenut sabiex fi zmien qasir u perentorju li jigi stabbilit mill-Qorti, jirrilaxxa favur l-attur dik il-porzjon li nvada mill-ghalqa tal-Karwija, kontrada tal-Gawhar, limiti ta’ Hal Safi. Dan taht is-supervizjoni ta’ perit arkitett nominat mill-Qorti ghal dan l-iskop;

“3. Fin-nuqqas tawtorizza lill-attur sabiex jaghmel dawk ix-xogholijiet kollha li huma mehtiega, ghas-spejjez tal-konvenut, sabiex jirripristina l-ghalqa li hija proprjeta` tieghu ghall-istat originali li kienet qabel il-konvenut invada parti mill-istess.

“Bl-ispejjez inkluzi dawk ta’ l-ittra legali tas-16 ta’ Ottubru 2000 kontra l-konvenut li huwa minn issa ngunt in subizzjoni.

“B’riserva ghal kwalsiasi danni li l-attur jista’ jsofri minhabba l-agir tal-konvenut.”

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut li biha eccepixxa:

“1. Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez.

“2. Illi l-eccipjent ghandu zewg kuntratti biex juri illi huwa ma invada bl-ebda mod l-ghalqa tal-Karwija, kontrada tal-Gawhar, limiti ta’ Hal Safi. Mill-kuntratt ta’ akkwist tal-31 ta’ Lulju 1986 atti Nutar Dottor Joseph R. Darmanin jirrizulta li l-ghalqa minnu akkwistata tgawdi dritt ta’ passagg bir-rigel fix-xitwa u bl-ingenji fis-sajf. Inoltre, b’kuntratt iehor tal-11 ta’ Lulju 1988 atti Nutar Joseph R. Darmanin huwa akkwista area ta’ 536 metri kwadri rapprezentanti l-kejl superficjali tal-passagg indikat fuq il-pjanta annessa ma’ l-att.

“Salvi eccezzjonijiet ohra.”

Rat is-sentenza fil-meritu moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fl-4 ta’ Ottubru 2004 li in forza taghha ddecidiet il-kawza billi laqghet it-talbiet ta’ l-attur u b’hekk iddikjarat li “l-konvenut invada l-ghalqa ta’ l-attur; u kkundannat lill-konvenut jirrilaxxja l-art invasa lura lill-konvenut [recte: attur] u jqieghed l-istess art fil-kondizzjoni li kienet qabel fi zmien xahar mid-data tas-sentenza, b’ mod li l-wisa’ tal-passagg jew trejqa tal-konvenut ikun ta’ 3.84m u awtorizzat lill-attur jaghmel ix-xogholijiet hu a spejjez tal-konvenut, liema xogholijiet f’kull kaz ghandhom isiru taht is-supervizjoni ta' l-AIC Valerio Schembri. Finalment ordnat li l-ispejjez jigu sopportati mill-konvenut.”

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:
“Illi din hija azzjoni rivendikatorja tipika fejn l-attur nomine qed jitlob dikjarazzjoni mill-Qorti li hu proprjetarju tal-porzjon art parzjalment okkupata mill-konvenut. Hu risaput illi f’kawza simili l-attur irid jipprova t-titolu tieghu minghajr ebda ombra ta’ dubbju – ara per esempju s-sentenza tal-Qorti ta’ l-appell moghtija fl-1958 fil-kawza fl-ismijiet Borg vs Buhagiar. F’dik il-kawza intqal illi kwalunkwe dubbju ghandhu *jimmilita favur il-konvenut possessur.*

“Il-vertenza bejn il-partijiet hija pjuttost interessanti mill-punto di vista legali. Il-partijiet ghandhom eghlieqi li jmissu

ma’ xulxin u ghal zmien twil il-konvenut kien jghaddi minn passagg fuq il-proprjeta ta’ l-attur biex jghaddi ghall-ghalqa tieghu. Dan mhux kontestat. Infatti anke fl-att ta’ l-akkwist tal-konvenut u dak precedenti ghal tieghu, hemm indikat li l-ghalqa li kienet qed tigi trasferita kellha *dritt ta’ passagg bir-rigel u bl-ingenji fis-sajf.* Il-konvenut fil-frattemp xtara (fl-1988) porzjon art ta’ 536 metri kwadri li kienet parti mill-ghalqa li illum hija ta’ l-attur - fil-fatt hu xtara minghand Mose’ Zammit li imbaghad l-attur kien werriet tieghu. Mose Zammit miet ukoll fl-1988 ftit xhur wara li biegh lill-konvenut. Ma hemmx kontestazzjonijiet dwar il-proprjetajiet in kwistjoni.

“Il-kontestazzjoni qamet ghaliex il-konvenut bena hajt jifred il-passagg u l-ghalqa ta’ l-attur. Meta ghamel dan l-attur ikkonstesta li l-konvenut okkupalu parti mill-ghalqa tieghu. Da parti tieghu il-konvenut qed isostni li hu kellu dritt jibni l-hajt fejn inbena, ghaliex hu ghandu, apparti l-parti li xtara d-dritt tal-passagg fuq imsemmi.

“Il-Qorti thoss li l-argumenti kollha tal-konvenut ma ghandhom ebda sostenn la fattwali u wisq inqas legali.

“Fil-fatt anke kieku kellu ragun fuq kollox, il-konvenut zgur ma kellu ebda dritt jibni l-hajt fejn bnih. Dan ghaliex anke jekk id-dritt tal-passagg hu in aggunta ghall-parti li xtara hu, dan ma jaghtih ebda dritt li jokkupa dik il-parti li hu jqis tal-passagg, ghaliex d-dritt ta’ passagg ma hux hlief servitu’ – ossija dritt *fuq proprjeta` ta’ haddiehor* – ghalhekk tali proprjeta` allura tibqa’ ta’ haddiehor u ma ssirx tieghu. Fi kliem iehor, kieku d-dritt tal-passagg jibqa’ in aggunta hu kien ikollu biss dritt li jghaddi minn hemm u mhux li jokkupah daqs li kieku kien tieghu.

“Hemm pero’ fatturi ohra li l-Qorti thoss li jaghtu ragun lill-attur. Il-konvenut esebixxa kopja tal-kuntratt ta’ l-akkwist tieghu – kemm tal-ghalqa u kemm tal-passagg – u ghamel sew – izda konvenjentement halla barra l-pjanta li giet esebita a fol 66 mill-attur. Din il-pjanta tindika bl-iktar mod car illi hu kien qed jixtri l-istess passagg li kien qed jghaddi minnu u li kien ilu jezisti ghal zmien twil. Fil-fatt il-passagg hu markat bhala *area of 535 square metres of passage.*

Hu car ghall-Qorti li l-istess konvenut ried jassikura li ma jkollux problemi mal-werriet tal-venditur u allura xtara l-istess passagg. Il-Qorti hija konvinta li kieku l-intenzjoni tal-kontraenti kienet kif qed jghid il-konvenut, dan kien jitnizzel fil-kuntratt izda dan ma sarx. Il-konvenut ma jistax jippretendi li wara li xtara dan il-passagg jinghatalu rigal iehor in aggunta ma' dan. Jekk fehem hekk zgur li fehem hazin u messu ha parir dakinhar.

"Hemm ukoll fatturi ohra li jippontaw lejn naha wahda. Il-fatt li d-dritt tal-passagg jissemma fil-kuntratti esebiti mill-konvenut ma humiex ta' ghajnuna ghalih f'din il-kawza. Kull ma jghidu l-kuntratt hu appuntu li l-ghalqa tgawdi minn dan id-dritt ghaliex kien dritt ta' passagg *necessarju* – kieku kien altrimenti kien ikun hemm att kostituttiv tieghu bejn il-proprjetarji taz-zewg eghlieqi – att li zgur ma jezistix ghax kieku l-konvenut kien jesebih. Allura zgur illi l-kuntratti esebiti mill-konvenut ma jikkostitwixxi ebda prova fil-konfront ta' l-attur ghax iz-zewg kuntratti imsemmija kien *res inter alios acta* ghall-proprjetarju awtur ta' l-attur. Barra minn dan – u dan hu punt ukoll importanti – ladarba d-dritt ta' passagg ma baqax necessarju ghaliex issa l-konvenut ghandu l-proprjeta` li taghti ghal go l-ghalqa tieghu, skond l-Artikolu 449 tal-Kap 16 u anke skond id-dettami tal-gustizzja, *il-jedd tal-moghdija jispicca.* Is-sentenza citata mill-attur u cioe' <u>Massa vs Xuereb Montebello</u> hija certament ukoll applikkabbli ghal dan il-kaz.

"L-unika prova li setghu jaghtu a favur tat-tezi tal-konvenut dawn il-kuntratti hija dik tal-preskrizzjoni, izda kif sew irrimarka l-attur fin-nota ta' l-osservazzjonijiet tieghu, din tirrikjedi t-trapass ta' tletin sena (Artikolu 462 tal-Kap 16) u l-ewwel prova tieghu li kien jezisti hija fil-kuntratt tal-1986 u oltre dan l-Artikolu 469 jghid li tali servitu' tista' biss titnissel bil-preskrizzjoni jekk ma jkunx hemm passagg ghat-triq pubblika. F'dan il-kaz il-konvenut kellu (u issa certament ghandu) tali il-passagg *ex admissis.*

"Il-perizja teknika ukoll tindika kjarament illi dak li kkonstata l-perit Doublet bhala espert inkarigat mill-attur, kien piu' o meno korrett u kwindi l-passagg kellu jkollu

wisa ta’ tlett metri u erbgha u tmenin centimetru (fol 45 tal-process).

Rat li l-konvenut kien interpona appell minn dik is-sentenza, u ghar-ragunijiet hemm indikati, talab r-revoka tas-sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili, u l-konsegwenti cahda tat-talbiet attrici;

Rat is-sentenza ta’ din il-Qorti [diversament presjeduta] tal-25 ta’ Mejju 2007 [fol.32 – Appell] li in forza taghha cahdet l-appell tal-konvenut u kkonfermat is-sentenza ta’ l-ewwel Qorti tal-4 ta’ Ottubru 2004; u dana wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:
“Ma hemmx kontestazzjoni bejn il-kontendenti li l-art proprjeta` tal-konvenut kellha dritt ta’ passagg fuq l-ghalqa ta' l-attur, bir-rigel fix-xhur tax-xitwa u bl-ingenji fix-xhur tas-sajf. Lanqas ma hemm, u ma jistax ikun hemm kontestazzjoni, billi dan jirrizulta minn kuntratt pubbliku u cioe` dak tal-11 ta’ Lulju, 1988, li l-konvenut akkwista porzjoni mill-ghalqa illum ta' l-attur minghand zijuh u liema porzjoni hi tal-kejl ta’ 536m2 u timxi ma' l-ghalqa ta' l-istess attur.

“Il-kwistjoni kollha, ghalhekk, jidher li tirrizulta minn interpretazzjoni zbaljata, da parti tal-konvenut, ta’ dak li kien miftiehem u intenzjonat meta l-istess konvenut akkwista l-536m2 minn ghand Mose Zammit, iz-ziju ta’ l-attur.
“Jirrizulta bla ebda dubbju li l-konvenut kellu dritt ta’ passagg minn fuq ir-raba’ ta’ l-attur u dana, kif sewwa jinghad fic-citazzjoni, kien bir-rigel fix-xhur tax-xitwa u bl-ingenji fix-xhur tas-sajf. Skond ma xhed l-istess konvenut permezz ta’ l-affidavit tieghu a fol. 57 tal-process, din il-moghdija (li tirrizulta l-ewwel darba fil-kuntratt ta’ akkwist tal-11 ta’ Gunju, 1976, meta Emmanuel Busuttil, awtur tal-konvenut, xtara, minghand Modesta Zammit, l-ghalqa llum posseduta mill-istess konvenut) kienet timxi mal-hajt divizorju ta’ bejn l-ghelieqi. Infatti fil-paragrafu (4) ta’ l-affidavit tieghu imsemmi l-istess konvenut jghid hekk:

“Il-moghdija minn fejn kien ighaddi Manwel Busuttil kienet parti mill-ghalqa u kienet bil-hamrija. Din il-moghdija

kienet tmiss mal-hajt divizorju li taqsam l-art taz-ziju ma' eghlieqi ta' terzi u kien proprju f'dik il-parti ta' l-ghalqa fejn wara nxtrat mill-konvenut bil-kuntratt tal-11 ta' Lulju 1988 li sar minn Nutar Dr. Joseph R. Darmanin."

"L-attur ghalhekk jikkontendi li meta l-konvenut xtara l-porzjoni art tal-kejl ta' 536m2 bil-kuntratt tal-11 ta' Lulju, 1988, effettivament l-istess konvenut kien qed jixtri, in parti, dak il-passagg li l-istess konvenut kien igawdi. Il-posizzjoni tal-konvenut, izda, hija fis-sens li, la huwa kellu dan id-dritt ta' passagg minn fuq l-ghalqa ta' l-attur, li skond hu kien ta' tlett piedi wisa', skond l-uzanza ta' dak iz-zmien, meta huwa akkwista l-porzjoni art bil-kuntratt tal-11 ta' Lulju 1988, li skond il-konvenut, kienet wisa' tnax-il pied u nofs u twassal it-tul kollu mit-triq ghax-xatba ta' l-ghalqa tieghu, huwa kien ghad ghandu tgawdija ta' dak l-istess dritt ta' passagg li kellu originarjament bil-konsegwenza li, skond il-konvenut, l-wisa' kollha li huwa kellu kienet ta' 'l fuq minn hmistax-il pied u cioe` it-tnax il-pied u nofs u t-tlett piedi originali.

"Ezaminati l-atti, din il-Qorti ma tistax tikkondividi s-sottomissjoni tal-konvenut f'dan ir-rigward billi jidher car li meta l-istess konvenut akkwista l-536m2 bil-kuntratt tal-11 ta' Lulju 1988, l-intenzjoni kienet li f'dak il-passagg, format bl-estensjoni ta' din l-arja tul l-ghalqa kollha ta' l-attur, jkun inkorporat dak l-istess dritt ta' passagg li kien jezisti originarjament. Dan il-hsieb jidher car minn dak li jghid l-istess konvenut fix-xiehda moghtija minnu quddiem il-Qorti ta' Prim Istanza fl-udjenza tat-8 ta' Ottubru, 2002. Infatti a fol. 90 tal-process hemm riportat hekk (sottolinear ta' din il-Qorti):

"Dr. Tony Ellul: Dawn il-hmistax-il pied li qed issemmi inti, qabel kienu kollha hamrija jigifieri? Kienu kollha parti mill-ghalqa taz-ziju ta' Piu Zammit?

"Xhud: Le, it-tlett piedi qatt ma kienu hamrija. It-tlett piedi kienu maqtughin bil-gebel. Imbaghad meta xtrajt jien <u>wessajt</u> ghal dak il-wisgha li hemm u tfajt it-torba biex nghaddi bit-trakkijiet, nehhejt il-hamrija, tfajtha fl-ghalqa stess tieghu, il-hamrija, taz-zijuh.

“Dr. Tony Ellul: Igifieri dawn it-tlett piedi, meta ghamiltha din il-bicca xoghol?

“Xhud: Ghamiltha fl-1988. san n-1988 kien ghad hemm it-tlett piedi. Jien il-farm bnejtu fin-1988.

“Dr. Tony Ellul: Inti xtrajt dan il-passagg.

“Xhud: Ehe.

“Dr. Tony Ellul: Xtrajtu minghand iz-ziju ta' Piu?

“Xhud: Iva.

“Dr. Tony Ellul: Dan ghalfejn xtrajtu bhala passagg?

“Xhud: Biex inkun nista’ nidhol bit-trakkijiet ghax kien bi hsiebni ntella farm.

“Dr. Tony Ellul: Qabel ma stajtx tidhol bit-trakkijiet?

“Xhud: Stajt nidhol fis-sajf biss. Imma jien ridt li nidhol fis-sajf u fix-xitwa. Ghax meta jkollok farm trid tidhol dejjem, kuljum.

“Minn din ix-xiehda jidher car li l-konvenut ma kienx kuntent bis-semplici dritt ta’ passagg li kellu originarjament u ghalhekk avvicina liz-ziju ta’ l-attur biex jbieghlu bicca art, konfinanti l-ghalqa ta’ l-istess, biex b’hekk jkollu passagg aktar wiesa. Meta sar dan, dak id-dritt ta’ passagg originali spicca, mhux inkwantu dan kien biss dritt ta’ passagg necessarju – billi dan il-fatt ma jirrizultax car – izda billi l-istess konvenut xtara dik il-parti ta' l-ghalqa ta' l-attur minn fuq liema kien jghaddi l-istess passagg li huwa kien jgawdi.

“Ma hemmx ghalfejn jinghad li l-ewwel Qorti kienet perfettament korretta meta qalet li anke kieku il-konvenut verament kellu id-dritt ta’passagg ta’ tlett piedi oltre l-art li xtara, dan ma kien qatt jintitolah li jibni hajt biex jissepara

dan il-passagg – inkluzi t-tlett piedi – mill-proprjeta` ta' l-attur."

Rat ir-rikors ta' ritrattazzjoni mressaq mill-konvenut appellanti fil-21 ta' Awissu 2007 li in forza tieghu talab li l-appell jigi ritrattat a bazi tal-provvediment ta' l-Artikolu 811[l] tal-Kap.12 tal-ligijiet ta' Malta;

Rat ir-risposta ta' l-attur appellat li talab ic-cahda tat-talba ta' ritrattazzjoni;

Rat id-digrieti u l-provvedimenti moghtija sussegwentement;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat;

Illi l-konvenut [appellant-ritrattand] qed jibbaza l-azzjoni odjerna fuq id-dispost tal- paragrafu [l] ta' l-Artikolu 811 tal-Kap.12 li jikkontempla bhala wahda mir-ragunijiet ghar-ritrattazzjoni l-kaz meta "is-sentenza kienet l-effett ta' zball li jidher mill-atti jew mid-dokumenti tal-kawza." liema zball ikun jikkonsisti biss f' decizjoni li "tkun ibbazata fuq is-suppozizzjoni ta' xi fatt li l-verita` tieghu tkun bla ebda dubju eskluza, jew fuq suppozizzjoni li ma jezistix xi fatt, li l-verita` tieghu tkun stabbilita pozittivament, basta li fil-kaz il-wiehed u l-iehor, il-fatt ma jkunx punt ikkontestat illi jkun gie deciz bis-sentenza."

Illi l-fatti relattivi ghall-vertenza in disamina huma dawn.

Illi l-kontendenti huma proprjetarji ta' zewg bicciet raba' kontigwi, u ghal xi zmien il-konvenut kien jghaddi minn fuq il-proprjeta` ta' l-attur sabiex jasal ghall-ghalqa tieghu. Sussegwentement il-kontestazzjoni qamet peress li l-istess konvenut bena hajt li jifred il-passagg u l-ghalqa ta' l-attur li min-naha tieghu qed isostni li l-konvenut kien okkupalu parti mill-ghalqa tieghu.

Illi, stante li aspett relevanti ghad-determinazzjoni tal-kawza, kien il-wisa' tal-passagg, l-Ewwel Onorabbli Qorti, fl-udjenza tas-7 ta' Mejju 2001, kienet hatret il-Perit Valerio Schembri limitatament biex "jiddetermina l-konfini tal-proprjetajiet rispettivi."[1] liema rapport[2] gie mahluf fl-udjenza tat-8 ta' Mejju 2002.

Illi fir-rapport tieghu l-imsemmi perit gudizzjarju fil-konstatazzjonijiet tieghu osserva li "Jidher li l-wisa' tat-trejqa tul il-hajt tas-sejjieh muri fuq VS 06 [ritratt] tvarja hafna u huwa difficli hafna sabiex wiehed jistabbilixxi medja ta' wisa'. Hemm partijiet fejn il-wisa' sahansitra tinzel ghal tliet metri u hamsin centimetru [3.50m]."[3] Izda fil-parti konklussiva, wara ezercizzju matematiku, huwa wasal ghall-konkluzjoni li "il-wisa' tat-trejqa a bazi purament ta' dan il-kuntratt ghandha tkun ta' tliet metri u erbgha u tmenin centimetru [3.84m]"[4]

Illi fl-udjenza successiva, wara li l-perit kien halef ir-rapport u l-kawza kienet thalliet ghall-ezami tar-rapport fl-udjenza precedenti, gie registrat is-segwenti verbal: "L-Avukati taz-zewg partijiet [prezenti ghall-udjenza] jiddikjaraw li huma joqghodu ghall-konkluzjonijiet milhuqa mill-perit tekniku ghal dak li jirrigwarda l-konstatazzjonijiet tal-kejl."[5]

Illi fir-rikors tieghu l-appellant qed jakkampa ma' l-Artikolu 811[l], u jsostni li s-sentenza moghtija minn din il-Qorti fil-25 ta' Mejju 2007 li kkonfermat is-sentenza ta' l-Ewwel Qorti mghotija fl-4 ta' Ottubru 2004, hija affett minn zball fit-termini ta' dan l-artikolu, stante li "mir-rapport tal-perit tekniku Valerio Schembri jirrizulta b' mod car li l-esponenti [il-konvenut] ghandu anqas mill-wisa' indikata tal-passagg" u dan in vista tal-konstatazzjoni maghmula mill-istess perit fir-rapport tieghu fil-paragrafu 7.[6]

[1] Fol.25
[2] Fol.35 *et seq.*
[3] Para.7 fol.45
[4] Fol.45
[5] Fol.54
[6] Ibid

Minn-naha tieghu l-appellat jirribatti fis-sens li l-konvenut ma kienx ikkontesta l-konkluzjonijiet peritali fl-istadju opportun; u di piu' peress li bhala fatt konstatat il-passagg huwa wiehed imserrep, f' certu bnadi huwa wiesgha aktar minn 3.84m u f' certu bnadi ohra huwa idjaq.

Illi s-segwenti osservazzjonijiet huma opportuni:
[1] Illi l-Perit Valerio Schembri kien tqabbad mill-Ewwel Qorti appozitament biex jiehu l-kejl tal-hajt u tal-passagg; u dan l-espert gudizzjarju, wara li ghamel il-konstatazzjonijiet tieghu u anke l-osservazzjonijiet tieghu, wasal ghall-konkluzjoni ndikata fil-parti konklussiva tar-rapport tieghu; liema konkluzjonijiet gew accettati miz-zewg partijiet fl-udjenza tat-13 ta' Gunju 2002 fejn f' termini cari ddikjaraw li ghal dak li jirrigwarda l-kejl, "huma joqghodu ghall-konkluzzjonijiet milhuqa mill-perit tekniku".

[2] Illi konformament ma' dan, il-perit tekniku ma giex eskuss mill-partijiet, u ma ntalbitx in-nomina ta' periti perizjuri; u di piu ma saritx kritika mill-konvenut fin-nota ta' l-osservazzjonijiet tieghu quddiem l-Ewwel Qorti rigwardanti din il-konkluzjoni tal-perit tekniku.

Dan premess u kkunsidrat, din il-Qorti hija tal-fehma li fil-kaz odjern ma jirrizultax l-izball fit-termini ta' l-artikolu precitat, stante li l-punt sollevat mill-konvenut dwar il-konfigurazzjoni tal-passagg, u d-diffikulta' biex jigi stabbilit il-kejl tieghu, kien gie <u>determinat</u> mill-perit gudizzjarju li kien ffissa l-kejl tal-passagg b' wisa' ta' 3.84m, u li kien gie <u>accettat</u> miz-zewg partijiet u kien gie eventwalment accettat mill-Ewwel Qorti fis-sentenza taghha tal-4 ta' Ottubru 2007.

Minbarra dan, l-istess punt dwar il-wisgha u l-bixra tal-moghdija u jekk din taghmilx jew le parti mill-art mixtrija mill-appellant, kienu aspetti li kemm l-ewwel Qorti u kif ukoll din il-Qorti stharrgu u qiesu fil-parti tas-sentenza li turi l-motivazzjoni li wasslithom biex jiddeciedu l-kawza kif iddecidewha. Ghalhekk ukoll, jidher li dan il-fatt izomm milli s-sentenza appellata tithassar, u milli l-appell jerga' jinstema' mill-gdid.

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tirrespingi t-talba ghar-revoka tas-sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell fil-25 ta' Mejju 2007 , kif mitlub fir-rikors tar-ritrattazzjoni, u konsegwentement tirrespingi wkoll it-talba ghar-ritrattazzjoni tal-kawza kif hemm mitlub. Billi wkoll hija tal-fehma li t-talba ghar-ritrattazzjoni kienet fiergha u vessatorja, mahsuba biex ittawwal ghalxejn il-proceduri, il-qorti, wara li rat il-para.10[1] tat-Tariffa A mehmuza bhala Skeda A mal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, tikkundanna lill-konvenut appellant jhallas lir-Registratur tal-Qrati spejjez addizzjonali ta' sitt mitt ewro [€600].

L-ispejjez kollha gudizzjarji jkunu a karigu tal-konvenut appellant.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------